MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 296/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Clive Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Clive Micallef ta’ 25 sena, bin Francis u Rita nee Pace, imwieled Pieta fis-6 ta’ Mejju 1983, residenti fi 22, Triq il-Barrieri, Mosta, detentur tal-karta’ numru 250083(M).

Akkuzat:

35. Talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta’ Gunju 2008 u qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom u cioe cekkijiet misruqa;

36. kif ukoll talli fit-22 ta' Mejju 2008 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamilt uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra iffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

37. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamilt uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

38. kif ukoll talli fil-Mosta, fil-5 ta' Gunju 2008 jew fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement issoprimejt jew b'xi mod iehor qridt it-tracci jew l-indizji ta' reat.

39. kif ukoll talli fl-Imsida, fid-9 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' sebgha u disghin Ewro (€97) ghad-dannu ta' Nicky Farrugia, proprjetarju ta' Hot Rod Garage tal-Imsida.

62. talli fl-Iklin, fit-22 ta' Mejju 2008, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki

foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta’ disa’ mija u disgha u erbghin Ewro (€949) ghad-dannu ta’ PC Options Limited, operaturi ta’ *Scan Computers* ta’ Triq Geronimo Abos, Iklin.

66. talli b’hekk ikkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenzi taghha ta’ nhar is-17 ta’ Frar 2005 u tal-10 ta’ Mejju 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma’ kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Wara li rat il-*pre-sentencing report* tal-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, l-fedina penali tieghu m’hijiex daqshekk felici stante li ghandu seba’ (7) kundanni, tlieta (3) minnhom ta’ serq u frodi, u fil-fatt huwa ammetta wkoll ghall-imputazzjoni li kiser zewg sentenzi sospizi.

Fir-rapport taghha l-ufficjal tal-Probation issuggeriet li din il-Qorti tikkunsidra l-estenzjoni taz-zewg sentenzi sospizi li kurrentement ghandu l-imputat, fil-waqt li tikkunsidra l-applikazzjoni ta' sentenza bbazata fil-komunita b'element ta' supervizjoni, *"sabiex jibqa' jigi konsolidat il-progress li huwa ghamel."* L-ufficjal prosekutur u d-difiza qablu ma' dina r-rakkomandazzjoni.

Illi bir-rispett kollu dovut, dina l-Qorti ma' tistax taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni. Fl-ewwel lok, mir-rapport din il-Qorti ma tistax tara xi progress ghamel l-imputat minn meta gew kommessi r-reati cioe fl-2008 sa meta gie redatt ir-rapport – Novembru 2011. Ma' jirrizultax li fl-2008, meta gew kommessi r-reati, l-imputat kien qed jabbuza mill-alkohol jew mid-droga – ghalkemm f'xi zmien indeterminat jidher li ghamel zmien qasir jabbuza minn dawn is-sustanzi. Jirrizulta wkoll li minkejja l-eta' relattivament zghira tieghu, l-imputat ilu ma' jahdem minn Frar tat-2006 u ma' jidhirx li sa meta gie redatt ir-rapport kien qieghed jaghmel xi sforz biex isib xoghol. Mir-rapport tal-Employment Training Corporation anness mar-rapport jieher li ghal xi raguni l-imputat ma kienx jirnexxielu jibqa' impjegat mal-istess principal hlief ghal ftit xhur.

Inoltre l-imputat diga bbenifika minn tlett sentenzi sospizi (wahda minnhom estendiet ohra precedenti) u kien ukoll taht Ordni ta' Probation, izda minkejja dan kollu jidher li ma' tghallem xejn, ghax minkejja li kien jaf ben tajjeb x'inhuma l-konsegwenzi ta' sentenza sospiza, rega' ghazel li jikkommetti reati ohra waqt il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-uzu ta' sentenza sospiza huwa biex jaghti cans lil min jizbalja li jirriforma ruhu. Izda dawn il-Qrati m'ghandhomx ihallu li dan l-istitut jigi abbuzat billi jibbenefikaw minnu wkoll persuni, bhalma hu l-imputat, li ghal darba u issa ghal darbtejn jaghzlu li ma' jobdux il-kundizzjonijiet ta' sentenza sospiza, u jibqghu jipperseveraw li ma' jobdux l-awtorita ta' dawn il-Qrati u l-ligijiet tal-pajjiz. Ghaldaqstant, fl-opinjoni ta' dina l-Qorti s-sentenzi sospizi fil-konfront tal-imputat ghandhom jigu rezi operattivi.

Illi rigward il-piena ghar-reati in kwistjoni, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u l-fatt li huwa kkopera mal-pulizija. Jirrizulta wkoll li fil-kaz tieghu r-rifurtiva mehuda b'qerq giet kollha ritornata, ghalkemm ir-rifurtiva fl-imputazzjoni numru disgha u tletin (39) giet ritornata qabel bdew dawn il-proceduri, pero r-rifurtiva fl-imputazzjoni numru tnejn u sittin (62) giet imhallsa wara li bdew dawn il-proceduri.[1] Ghaldaqstant l-Artikolu 337(1) tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli biss ghall-imputazzjoni numru disgha u tletin (39).

Inoltre l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputazzjonijiet numri sitta u tletin (36) u sebgha u tletin (37) servew bhala mezz ghal fini ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali sabiex jigu kommessi l-imputazzjonijiet ta' frodi numri disgha u tletin (39) u tnejn u sittin (62).

Ghalkemm l-imputat huwa hati ta' diversi reati li huma reati kontinwati, billi l-ammonti ta' flus involuti m'humiex kbar, il-Qorti ma' jidhrilix li huwa l-kaz li tgholli l-piena bi grad jew tnejn ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 334(a), 169, 184, 111(2)(a), 308, u 337(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u qed tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija effettiva.

Tordna wkoll, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-17 ta' Frar, 2005 tigi reza operattiva, liema sentenza effettivament estendiet il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza precedenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-20 ta' Jannar 2004.

[1] Ara trattazzjoni finali tal-Ispettur Angelo Gaf'a.

Tordna ulterjorment, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tminn (8) xhur sospizi ghal sentejn snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-10 ta' Mejju 2007 tigi reza operattiva.

Ghaldaqstant, il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u disa' (9) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------